MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru. 374/2012

Il-Pulizija
(Sp Kylie Borg)
vs
Robert Cropp, iben Charles, imwieled Pieta' fl-4 ta' Frar, 1981, karta ta' l-identita numru 95981(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fit-13 ta' Marzu, 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal xi persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioe' mobile phone iPhone 4S, li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa, jew li jsir użu minnha speċifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2012 fefjn il-parte ċivile nfurmat lill-Qorti li l-imputat ħallas il-valur tal-mobile u cioe' €699 u għalhekk ma għandu ebda interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kkontra tiegħu.  Rat l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagġmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------